# EŻAMIJIET ANNWALI TA' L-ISKOLA SEKONDARJA 2002

Taqsima ta' l-Assessjar Edukattiv – Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni

**It-Tieni Sena** **MALTI** **ĦIN: Sagħtejn**

Isem: ________________________ Klassi: ________________

Istruzzjonijiet lill-Kandidati

1. Wieġeb il-mistoqsijiet kollha kif mitlub:

2. Ortografija, punteġġjatura, sintassi, ideat u preżentazzjoni tajbin jgħinuk biex tikseb riżultati aħjar.

---

GĦALL-UŻU TAL-GĦALLIEMA

SKEMA GĦALL-MARKI

| Mistoqsija | A | B | Ċ | D | E | F | Ġ | Total |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Marki | 6 | 24 | 5 | 7 | 7 | 31 | 20 | 100 |
| Marki ta' l-istudent/a | | | | | | | | |

Kummenti

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

## TEST GĦALL-ISTĦARRIĠ

Aqra sewwa s-silta u wieġeb il-mistoqsijiet dwarha :

### Lejn l-iskola man-neputija

Ġakbu kien diġà ħalleb il-bjut biex b'hekk ikun jista' jgawdi l-ewwel xita bla ma jkollu l-bżonn li juża kemm Alla bagħat buqari u borom biex jilqgħu fi ħdanhom il-qtar li jitgerbbu minn bejn ix-xorok tas-saqaf. Ġakbu kien joqtol għax-xitwa, imma quddiem in-nies kien jgħid li jogħġbu s-sajf. (par. 1)

Intant, darba minnhom, wara li kienet għaddiet il-festa tal-Vitorja, sejħitlu oħtu l-kbira, Dora, u qaltlu : "Ġakbu, għada se tiftaħ l-iskola. Jekk tista' mur wassalli t-tifla." Issa dan Ġakbu ma kienx jista' għall-iskola. Ma kienx jaħmilha. Kellu fid-demm għaliha. Ma kienx jista' għad-dehra ta' ċerti għalliema b'dik il-ħarsa mqita. Lanqas ma kien iġerraħ dik il-misħuta qanpiena tas-sinjora li, minn waqt għall-ieħor, kienet iċċempilha donnha biex tħabbar li kienu niżlu tas-setta mis-sema. (par. 2)

Sebaħ jum ġdid. Kollu dlik li jagħmel ġieħ lil xlukkata Settembrina. Ġakbu kien diġà ġabar lil Moira, in-neputija, mingħand ommha u kien jinsab fi triqtu lejn l-iskola primarja tar-raħal. Fit-triq kien hemm ħafna nies u tfal. Kien hemm ukoll ħafna bhejjem. Kien hemm qtates u klieb bil-kullar u mingħajru, ifittxu u jqallbu fil-laned taż-żibel. Saħansitra kien hemm ukoll il-bagħal ta' Pawlu l-ġennien li jbigħ it-tiġieġ u l-fniek f'oqfsa li jiftakru 'l ommu sejra għall-quddies ta' l-ewwel imgeżwra fl-għonnella. (par. 3)

Moira kienet il-ħin kollu tistaqsi waħda f'waħda u Ġakbu, irid u ma jridx, ikollu jwieġeb. Kienu donnhom qegħdin iżebbġu kurunella ta' mistoqsijiet u tweġibiet li ma jintemmu qatt. It-tifla kellha madwar tmien snin u fl-iskola kienet stilla. Ġakbu kien kburi bin-neputija. (par. 4)

"*Could you please tell me* x'ħin hu?" staqsietu waħda mserdqa donnha ħasi wara li jkun għadu kif għamel ir-ronda quddiem il-qrejjaq. Bil-Malti kien jaf jitkellem imma b'din il-lingwa ma għarafx jagħti tweġiba. "*Look*, kemm sbieħet *little* Moira !" qalet oħra smina, filwaqt li tifla samranija qabżet qalet: "*Mummy*, Moira *does not talk in English well because she speaks only Maltese*." "*Oh* Moira, *she had come with her* ziju Ġakbu *on this* l-ewwel *day at school*." U taħwid u tgħaffiġ. U tgħawwiġ, tkissir u taqlib l-istonku. Ġakbu ħassu se jiġġennen. Ma beda jifhem xejn. Fehem biss li ma setax jifhem. (par. 5)

Miskin Ġakbu. Ma ndunax li dawn in-nies tmejlu wkoll b'ismu minn wara dahru *since it's* antik *and traditional*. Ma fehemx li dawn in-nies jgħixu bl-illużjoni li qegħdin fi klassi ogħla mill-bqija tal-popolin. Kemm hu aktar għaqli li xi kultant tagħżel li ma tifhimx is-sitwazzjoni ta' madwarek. Għandu mnejn li r-realtà li qegħdin ngħixu ta' kuljum għandha togħma morra wisq biex inġerrħuha b'dinjità. (par. 6)

(Addattament minn **Meta jkun aħjar li ma tifhimx** ta' Mario Vassallo)

| A. FEHIM IT-TEST | (6 marki) |
|---|---|

1. X'kienet tkun il-problema għal Ġakbu ma' l-ewwel xita li kieku ma jkunx ħalleb il-bjut? (par.1) ______________________________(1)
2. Agħti raġuni waħda għaliex Ġakbu ma kienx jaħmel l-iskola. (par. 2) __________ ______________________________(1)
3. Għalxiex qiegħda tirreferi l-kelma *bhejjem* fit-3 paragrafu? __________ ______________________________(1)
4. Minn dak li naqraw mir-4 paragrafu, x'impressjoni tieħu ta' Moira? __________ ______________________________(1)
5. Minn dak li naqraw mill-5 paragrafu, x'tista' tgħid dwar Ġakbu? __________ ______________________________(1)
6. X'kienu jaħsbu n-nies dwarhom infushom meta daħku b'isem Ġakbu? (par. 6) ______________________________ ______________________________(1)

| B. GĦARFIEN IL-LINGWA | (24 marka) |
|---|---|

**(i) ANALIŻI TESTWALI**

1. Ikteb l-espressjoni li turi li Ġakbu kien iżjed iħobb ix-xitwa milli s-sajf. (par. 1) ______________________________(1)
2. Ikteb il-frażi li turi li l-oqfsa tat-tiġieġ u l-fniek kienu qodma ħafna (par. 3) __________ ______________________________(1)
3. Ikteb tixbiha mir- 4 paragrafu. ______________________________ ______________________________(1)
4. Ġakbu ma kienx jaf fejn se taqbad tagħti rasu meta sema' taħwid ta' Ingliż u Malti. Ikteb il-frażi li turi dan mill-5 paragrafu. ______________________________(1)

**(ii) LESSIKU / VOKABULARJU**

1. Ikteb il-kliem mill-paragrafi li jaqbel ma' dawn li ġejjin :
   a. supperva (par. 2) ______________________________
   b. brava ħafna (par. 4) ______________________________
   ċ. jgħixu joħolmu (par. 6) ______________________________

(3)

2. Ġakbu kien diġà **ġabar** lil Moira, in-neputija, mingħand ommha. (par. 3) Ikteb sentenza bil-verb **ġabar** biex turih b'tifsira differenti minn kif użat hawnhekk.

______________________________________________________________

______________________________________________________________(1)

**(iii) SINTASSI / SENTENZI**

Kompli dawn is-sentenzi billi żżomm l-istess tifsira.

1a. Dora qaltlu: "Ġakbu, għada se tiftaħ l-iskola u, jekk tista', mur wassalli t-tifla l-iskola."

1b. Dora qalet lil Ġakbu biex ______________________________________________

______________________________________________________________(1)

2a. Kemm hu aktar għaqli li xi kultant tagħżel li ma tifhimx is-sitwazzjoni ta' madwarek.

2b. Kieku jkun aħjar tagħżel li ______________________________________________

______________________________________________________________(1)

**(iv) GRAMMATIKA U MORFOLOĠIJA**

1. Biddel il-pronomi mehmużin skond kif mitlub fil-parentesi.
   a. oħtu (l-1 persuna plural) - ______________
   b. ma kienx jaħmilha (it-3 persuna maskil singular) - ma kienx ______________
   ċ. donnha (it-2 persuna plural) - ______________ (3)

2. Imla l-vojt bl-għajnuna tal-partiċelli u l-artiklu fil-parentesi.
   Kienet ġurnata (minn +l-) ________________ isbaħ meta l-ħbieb telqu kmieni (għal +d) _____________ dell u ġew lura (fi+d) ________________dlam. (3)

3. Agħżel il-partiċella **lil** imqassra biex tqiegħed fejn suppost.

| | | | |
|---|---|---|---|
| 'l | 'l- | 'il- | 'il |

Sarah sabet li marret _____ quddiem fl-aħħar eżamijiet. Hi dejjem tobdi ______ ġenituri tagħha u _____ ħutha tħobbhom ħafna, u wkoll ______ fekruna li għandha! (4)

4. Imla l-vojt b'verb mill-għerq / zokk morfemiku li hemm fil-parentesi.
Li (vjaġġ) _______________ huwa ta' għajnuna għax l-ivjaġġar (għ – l – m) ____________ lil kull min (m – w – r) _____________ minn pajjiż għal ieħor. Ħafna nies ikomplu (eduk) ______________ ruħhom b'dan il-mezz ta' tagħlim. (4)

## Ċ. L-ASPETT SIMBOLIKU FL-ISFOND LINGWISTIKU POPOLARI (5 marki)

**QWIEL ---- L-GĦAĠLA U N-NUQQAS TA' ĦSIEB / XIRI U NEGOZJU**

Qabbel it-tifsira mal-qawl tagħha u niżżel it-tweġibiet tiegħek fil-kaxxi

1. Aħsibha qabel ma tagħmilha
2. Il-qattusa għaġġelija frieħ għomja tagħmel
3. Iż-żmien li titlef ma terġax iġġibu
4. Jekk tixtri kull ma tara, iżżarma l-għamara
5. Min imaqdar irid jixtri

**TIFSIRA**

a. Ix-xerrej ħafna drabi jmaqdar l-oġġett biex jieħdu orħos
b. Taħlix iż-żmien li għandek għax ma terġax iġġibu
ċ. Ma tistax tixtri dak kollu li tixtieq għax tibqa' bla flus
d. Aħseb sew qabel ma tiddeċiedi
e. Xogħol li jsir bil-għaġla, ħafna drabi jsir ħażin

| 1 | 2 | 3 | 4 | 5 |
|---|---|---|---|---|
| | | | | |

## D. ĦILIET FIL-MALTI KOMUNIKATTIV (7 marki)

Agħżel **WAĦDA** biss u ikteb madwar 7 linji

1. Irrakkonta ġrajja li toħroġ tajjeb żewġ karattri – wieħed tajjeb u l-ieħor ħażin. (Il-ġrajja tista' tkun ivvintata jew meħuda minn film jew minn ktieb.)

**JEW**

Il-ġenituri tiegħek se jsiefru fuq btala u se jħallu lilkom, żewġ ulied, maz-zijiet. Immaġina li inti xi ħadd mill-ġenituri tiegħek (l-omm jew il-missier). Agħti 8 istruzzjonijiet lil uliedek dwar l-imġiba tagħhom, dwar x'għajnuna jistgħu jagħtu liz-zijiet, eċċ., sakemm tkun imsiefer / imsiefra.

________________________________________

________________________________________

________________________________________

________________________________________

________________________________________

________________________________________

________________________________________

________________________________________

| E. TIFTIX – TRAWWIM KULTURALI – SEHEM IL-MALTI FIL-KULTURA | (7 marki) |
|---|---|

F'madwar 7 linji ikteb dwar **WIEĦED** mill-personaġġi li fittixt dwaru din is-sena.

_______________________________________________

_______________________________________________

_______________________________________________

_______________________________________________

_______________________________________________

_______________________________________________

_______________________________________________

| F. LETTERATURA | (31 marka) |
|---|---|

**Poeżija – Nadriet 2** – (15 –il marka)

Wieġeb mistoqsijiet A, B, Ċ

A.

Meta ninżel hawnhekk filwaqt li ħamra
ix-xemx tistaħba wara l-Fuqqanija,
u nara d-djar u 'l fuq mid-djar xi tamra
isewdu fuq il-ward ta' dik id-dinja;

Filwaqt li f'qalb li tħobb tixgħel bħal ġamra
ix-xewqa tal-mistrieħ ġo dar kennija
u l-aħħar xbejba, li x-xemx għamlet samra,
titla' b'xi midra jew b'xi luħ mgħobbija;

(silta meħuda minn *Wied Qirda* ta' Dun Karm)

(i) Il-poeżija *Wied Qirda* hija (sunett Petrarkjan, sunett Shakesperjan)

_______________________________ (1)

(ii) L-istrofi li qed tara jissejħu (terzini, kwartini) _______________________________ (1)

(iii) Mill-ewwel strofa ikteb personifikazzjoni _______________________________ (1)

(iv) Fi 3 linji ikteb il-ġrajja li xtaq ifakkar il-poeta f'din il-poeżija _______________________

_______________________________________________

_______________________________________________

_______________________________________________ (2)

B. Wieġeb dawn il-mistoqsijiet fuq il-poeżija *Gelmus* ta' Ġorġ Zammit

(i) Għaliex Ġorġ Zammit irid jitla' fuq il-għolja ta' Gelmus? ____________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________ (2)

(ii) Il-poeta x' jaħseb dwar il-bniedem? ____________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________ (2)

(iii) X'jixtieq jieħu u jibqa' jġorr f'ħobbu minn fuq *Gelmus* il-poeta? ______________

______________________________________________________________________ (1)

**Ċ. AKTAR NADRIET POETIĊI**

| |
|---|
| Fil-Menqa – Ġorġ Peresso, Lejl tat-Tfulija – Ġorġ Borg, Settembru – Wallace Ph. Gulia, Il-Ħajt tas-Sejjieħ – Rena Balzan, Sjesta Maltija – Kilin, Univers Ieħor – Dun Karm, Ġunju – Dun Karm, Marsaxlokk – Charles Flores |

Agħżel Poeżija **WAĦDA** u għid għaliex għoġbitek billi tirreferi għall-poeżija u tikteb dwarha f' madwar 4 linji.

Isem il-poeżija - ____________________ Isem il-poeta - __________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________ (5)

**Proża** – (16 –il marka)

Wieġeb il-mistoqsijiet A u B

A. **Nies Bla Sabar** ta' Temi Zammit (8 marki)

**Aħlef u Għid Is-Sewwa, Mhux Kull Ma Jleqq Deheb**

Agħżel **WAĦDA** minn dawn l-istejjer u f'madwar 8 linji ikteb il-ġrajja kif tahielna Temi Zammit fl-isfond ta' l-ambjent Malti.



______________________________________________________________

______________________________________________________________

______________________________________________________________

______________________________________________________________________

B. **Ħolm tal-Milied?** ta' Trevor Żahra (8 marki)

Agħżel **WAĦDA** u wieġeb f'madwar 8 linji:



(i) Ikteb dwar id-drawwiet tal-Milied imsemmija fir-rumanz.

**JEW**

(ii) a. Ikteb dwar fiex kienet tiftakar Liża malli jasal ix-xahar ta' Diċembru.

b. Xi preparazzjonijiet kienu jsiru fl-Istitut

## Ġ. KOMPONIMENT (20 marka)

Ikteb madwar 250 kelma dwar **WIEĦED** minn dawn. (Ikteb fuq karta separata)

1. Ikteb storja dwar tliet annimali ħbieb ta' xulxin.
2. Ikteb il-ġrajjiet li niżżilt f'jumejn differenti fid-djarju tiegħek.
3. Mort kamp mal-għaqda fejn nattendi.
4. Ġrajja li ma ninsieha qatt!
5. Qomt b'ħasda f'nofs ta' lejl meta smajt tħaxwix f'kamarti. X'ħassejt? X'għamilt?